**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francis Saliba, iben Joseph u Dolores xebba Spiteri, imwieled nhar l-20 ta' Ottubru, 1954, residenti f' 10, Triq Kolaci, Munxar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 61654(G)**

**Numru: 210/2018**

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Saliba,** u cioe` talli:

Nhar is-27.03.2018 ghall-habta tal-17:15hrs fl-ghalqa gewwa x-Xewkija, Ghawdex u jew f'dawn il-gzejjer:

1. Waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew pprova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) ta' L.S.594.42;

2. Kkaċċja jew prova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu liċenza valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar

Selvaġġi, u ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza u f'kull liġi oħra bi ksur ta' Reg 12(1) ta' LS 549.42;

3. Kkaċċja jew ittanta li jikkaċċja jew jieħu jew ittantajt li jieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruġa mill-awtorita' kompetenti bi ksur tat-tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' LS 549.42;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.42;

5. U aktar talli fl-istesss data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasafur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasar Selvaggi u cioe' l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal-L.S. 549.42;

6. U aktar talli ghamel reat iehor wara li kien gie kkundannat ghal reat, b'sentenza datata 26 ta' Settembru 2017 mahruga mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D liema sentenza saret definittiva, b' hekk gab ruhek recidiv bi ksur tal-Artiklu 49, 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27(2)(b) tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi; multa ta' mhux inqas minn elf ewro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef ewro (€10,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2019, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif minnu ammessa.

**Fiona Burrows** mill-*Committee Against Bird Slaughter (CABS)* xehdet kif *"on the twenty seventh(27th) of March last year at around three twenty (~3.20) me and a volunteer were in the Santa Lucija area. We had walked down a footpath and we could hear electronic bird callers of the species finches. On continuing down the path we saw that there was a trapping hide and there was a man sitting inside and that is the area where the finch callers were heard from. A wire was seen coming out of the hide going down to the ground which would indicate that that is the pully that is used to operate the nets from, the ground could not be seen, but* ***we had a very good impression that he was trapping****. I called the police and left one volunteer in the area to continue filming whilst I went to go to meet the police on the main road. When the police arrived to meet me I went and showed them where the trapping site location was and the police went on site and the man was still in the hide so they caught him red-handed"*. Tkompli biex tiddentifika lill-imputat bhala l-persuna li ssemmi fix-xhieda taghha.[1] Burrows ikkonfermat ukoll rapport maghmul minnha esebit in atti li fih jidher cjar l-imputat.[2]

Gew esebiti in atti xbiek li ttiehdu minn fuq il-post.[3] Ricevuta tal-ghasafar li ghaddew ghand Robert Azzopardi *Captive Breader Coordinator* ukoll giet esebita.[4]

[1] Fol.63-64

[2] Fol.16 et seq.

[3] **Dok.D** a fol.8

[4] Vide **Current Incident Report** a fol.8-11. Vide ricevuti a fol. 6-7

**Emanuel Muscat** in rapprezentanza tal-Wild Bird Regulation Unit xehed li l-imputat ma kellu l-ebda licenzja. Ikkonferma li f'Marzu tal-2018 l-istagun tal-insib kien maghluq.[5]

Mill-affidavit ta' **PS1407 Frank Portelli** jibqa' ma jissemma mkien li l-Pulizija sabet xi *bird caller*. L-istess jista' jinghad ghall-affidavit maghmul minn **PC1549 J. Bajada**. Fil-fatt fl-ircevuta mahruga lill-imputat jisemmew biss xbieki.

Ghalhekk filwaqt li gew soddisfacentement ippruvati l-ewwel erba imputazzjonijiet, il-hames imputazzjoni ma tirrizultax.

**Joseph Grech** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati, Ghawdex, esebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat fejn ghalkemm id-data li fiha nghatat ma tidhirx imnizzla, mill-fedina penali esebita jirrizulta li din inghatat fis-26 ta' Settembru, 2017, u cioe` precizament fl-ewwel udjenza u fuq ammissjoni tal-imputat.[6] Dakinhar l-imputat gie mmultat €500 liema multa thallset fl-10 t'Ottubru, 2017.[7] Il-konnotati tal-imputat jirrizultaw fic-citazzjoni li fuqha hemm iskritta l-piena inflitta. Ghalkemm ma hemmx miktub il-kliem 'hati' jirrizultaw il-kliem *"ammissjoni"* minghajr kwalifika ulterjuri.

L-abbli difensur tal-imputat jilmenta mill-fatt li gie esebit biss estratt tal-fedina penali[8]. Il-Qorti ma tistax pero` ma tirrimarkaz li din il-fedina penali giet esebita mill-Ispettur fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2018[9] fejn kien l-istess difensur li fil-bidu tal-ahhar seduta quddiem din il-Qorti vverbalizza *"Id-difiza mhux qed tesigi li jixhed l-Ispettur biex jikkonferma d-dokumenti minnu esebiti u li jinsabu fl-atti."*.[10]

Altru` ghalhekk jirrizulta li nstabet htija fl-akkuzat u ma hemm ebda ekwivocita` dwar dan kif donnu jikkontendi l-abbli difensur tal-imputat fil-kors tat-trattazzjoni finali minn tieghu! Galadarba ma kien registrat l-ebda appell dwar xi nuqqas ta' formalitajiet fis-sentenza imsemmija, tant

---

[5] Fol.65
[6] **Dok.JG1** a fol. 68
[7] Fol.69
[8] Fol. 12-13
[9] Fol.3
[10] Fol.61

li l-imputat hallas il-multa fuqu imposta hmistax wara l-ghoti ta' dik id-decizjoni, xejn ma josta lil din il-Qorti milli ssib li gie ampjament pruvat l-addebitu tar-recidiva fil-konfront tal-imputat.

Mill-fedina penali esebita jirrizulta li fl-2017 l-imputat kien instab hati ta' reati simili. Dan juri li l-imputat ma tghallem xejn minn zbalji tal-passat.

Ghalhekk il-Qorti hi kostretta li tapplika l-provvedimenti tar-regolament 27(2)(b) tar- ***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi*** li jipprospetta l-imposizzjoni ta' multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Tenut kont li l-imputat hu recidiv, din il-Qorti hi prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza.

Fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena l-aktar gravi hi dik ravvizata bir-regolament 27(2)(b) appena citat. It-tielet imputazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet imputazzjoni.

Ir-raba imputazzjoni serviet bhala mezz ai fini ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet.

In konsiderazzjoni tal-piena giet konsidrata wkoll l-ammissjoni tal-imputat rigward l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-***Kodici Kriminali***, ir-Regolamenti 12(1), 18(1)(c) u 27 tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42)***, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, tillibera lill-imputat mill-hames imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra w tikkundannah ghal **multa ta' €2,800.**

Ai termini tar-regolament 27(2)(b) tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42),*** il-Qorti qed torda r-**revoka permanenti** ta' kull liċenza jew permess mahruga f'isem l-imputat, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Ghalkemm il-prosekuzzjoni qed titlob il-konfiska tal-*corpus delicti* li strettament tinkludi wkoll il-mansab, dan baqgha ma giex esebit mqarr formalment u ghaldaqstant il-Qorti giet prekluza milli tordna l-konfiska tal-imsemmi mansab.

Madanakollu l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-xbieki esebiti filwaqt li l-ghasafar elevati ghandhom jitqiesu propjeta` tal-Farm tal-Gvern.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**